**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 9**

L-ERBGĦA 18 TA' MARZU 2009 FIS-2.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PRE|ENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

***Is-Sindku ssospendiet l-aġenda biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-Estimi Finanzjarji.***

## I ESTIMI FINANZJARJI

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Estimi Finanzjarji 2009-2010. Dawn ġew diskussi mill-Kunsill. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti u F. Roe issekondaw. Dan ġie approvat unanimament.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is- Sindku nfurmat li ġiet sottomessa biss offerta waħda għas-servizz tad-dawl tat-toroq. Hija qalet li din hi ta' J.F. Mallia Ltd li diġa kien qed jipprovdi dan is-servizz. Hija qalet wkoll li m'hemmx differenza kbira fil-prezz u pproponiet li l- Kunsill jaċċetta din l-offerta anke għax dan il-Kuntrattur dejjem ta servizz tajjeb lill-Kunsill. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

ii Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta' li fil-vakanzi tas-sajf isiru *summer classes* għat-tfal. Ġie deċiż li noħorġu avviż biex jiġi stabbilit kemm hawn interess u b'hekk ikun jista' jiġi nfassal program.

iii Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħa tal-Lokalita' ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' April 2009 fis 6.00pm.

iv Il-Kunsillier F. Roe irrapporta li diversi toroq fil-Lokalita' għandhom bżonn il-*patching*. IL-Kunsilliera l-oħra wkoll irrapportaw diversi toroq li għandhom bżonn manutenzjoni. Il-Kunsillier F. Roe ħa l-inkarigu li dawn isiru jew mill-ħaddiema tal-IPSL jew mid-Dipartiment ta' l-Infrastruttura.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (ikompli…….)**

v Il-Kunsillier E. Muscat rrapporta li l-ħajt li sar fi Triq Watar irid jiġi rranġat peress li hemm parti minnu maqlugħ il-barra. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lil Kuntrattur dwar dan.

***Il- Laqgħa sipċċat fis-6.00pm u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 13 ta' April fit-3.00pm.***

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv